

Brussell, 17 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

5929/19

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0358(NLE)
2018/0359(NLE)

WTO 33
SERVICES 6
FDI 2
COASI 9

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra - Adozzjoni Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fid-19 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill:
 - a) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra (dok. 13314/18 + ADD 1 + ADD 2); u
 - b) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra (dok. 13315/18 + ADD 1 + ADD 2).

2. Il-proposti msemija hawn fuq ġew eżaminati mill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Servizzi u Investiment) fil-laqgħat tiegħu tal-5 ta' Novembru 2018, u s-7 u d-19 ta' Diċembru 2018. Sussegwentement ġew approvati, kif modifikati biex jittieħed kont ta' għadd ta' aġġustamenti neċessarji, mill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Membri Shah) fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Marzu 2019.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden biex:
- jadotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti u mniżżla fid-dokumenti 5930/19 u 5932/19 + ADD 1;
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew;
 - jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti u mniżżel fid-dokumenti 5931/19 u 5932/19 + ADD 1, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu;
 - jiddeċiedi li jdaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjonijiet imniżżlin fl-addendum għal din in-nota.